C/2024/5579

17.9.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11716 – NORDIC CAPITAL XI / CVC / PLATINUM IVY / HARGREAVES LANSDOWN)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/5579)

1. Fl-4 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Nordic Capital XI, Limited ("Nordic Capital XI", Jersey), proprjetà tal-grupp Nordic Capital ("Nordic Capital", Jersey),

— CVC Capital Partners plc ("CVC", Jersey),

— Platinum Ivy B 2018 RSC Limited ("Platinum Ivy", l-Emirati Għarab Magħquda), ikkontrollata minn Abu Dhabi Investment Authority (l-Emrati Għarab Maqgħquda),

— Hargreaves Lansdown plc ("Hargreaves Lansdown", ir-Renju Unit).

Nordic Capital XI, CVC u Platinum Ivy se jakkwistaw fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt tat-totalità ta' Hargreaves Lansdown.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' offerta pubblika mħabbra fid-9 ta' Awwissu 2024.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Nordic Capital hija ditta ta' ekwità privata li, permezz tal-fondi tagħha tinvesti f'kumpaniji kbar u ta' daqs medju,

— CVC tipprovdi pariri dwar l-investiment u/jew timmaniġġja l-investimenti f'isem ċerti fondi u veikoli ta' investiment,

— Platinum Ivy tinvesti f'assi ta' ekwità privata,

— Hargreaves Lansdown topera pjattaforma ta' tifdil u investiment dirett lill-konsumatur għal investituri privati.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' koċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11716 – NORDIC CAPITAL XI / CVC / PLATINUM IVY / HARGREAVES LANSDOWN

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË